**Santa Luċija**

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 43/2022**

**20 ta' Ġunju 2022**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-05:30 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St. John | Sindku |
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**43.01** **Talba-**

43.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**43.02** **Qari ta' ittri ta' apologiji**

43.02.01 Is-S.E. informa li kien irċieva komunikazzjoni mill-Kunsillieri Ellul u Sciberras fejn informawh li ma setgħux jattendu għal laqgħa minhabba mpenji personali u raġunijiet ta' xoghol rispettivament u talbu li jiġu skużati. Il-Kunsill approva unanimament.

**43.03** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 42-22**

43.03.01 Il-Minuti tal-Laqgħa 42-2022 ġew approvati unanimament. Is-Sindku ipproponiet u l-Kunsillier D'Amato issekondat.

**43.04** **Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

43.04.01 L-iskeda ta' Pagamenti ġiet approvata unanimament.

**43.05** **Rapport Finanzjarju – L-Ewwel Kwart Jannar / Marzu 2022**

43.05.01 Is-S.E. informa li wara li kien irċieva d-dokument mingħand l-*Accountant*, kien innota li fil-*footer* kien hemm l-isem ta' Kunsill Lokali iehor u mhux taghna. Huwa spjega li għalkemm kien informa b'dan lill-*Accountant* din ma laħqitx għamlet il-korrezzjonijiet neċessarji u għalhekk ġie deċiż li dan l-item jerġa jitressaq fil-laqgħa li jmiss.

**43.06** ***Local Council Urban Greening Scheme* 2022**

43.06.01 Is-Sindku spjegat li l-Kunsill kien applika ma' Ambjent Malta sabiex isir *embellishment* fi Ġnien Simbjożi u ftit tal-ġimgħat ilu konna ntlabna sabiex nirrevdu l-pjanti sabiex innaqsu l-area pavimentata u issa din qiegħda 40% pavimentar u 60% ħdura. Dan il-proġett issa gie approvat u l-Kunsill ingħata s-somma ta' € 118,348 sabiex jagħmel dan il-proġett. Kien hemm qbil li għandu

jinbeda l-proċess tat-*tenders* sabiex il-proġett ikun jista jiġi eżegwit.

**43.07 Skema Finanzjament ta'Proġetti Kapitali –Aċċessibilita'u Mobilita'**

43.07.01 Is-Sindku spjegat li l-Kunsill kien applika sabiex jingħata l-fondi sabiex ikun jista jagħmel *gazebo* fil-*Picnic Area* tal-Ġnien tas-Serenita'. Hija qalet li t-talba tagħna kienet ġiet approvata u l-Kunsill ser jingħata s-somma ta' € 55,335. Hija kompliet li nhar is-Sibt flimkien mas-S.E. kienet ser tattendi għaċ-ċerimonja tal-iffirmar tal-ftehim. Is-Sindku rringrazzjat lil-Viċi Sindku li kien il-moħħ wara din l-*idea* li nibtet snin ilu. Anke hawnhekk ġie approvat li jinbeda l-proċess tat-*tenders*.

**43.08 Komunikazzjoni mis-Sindku**

43.08.01 Is-Sindku tat-dettalji dwar Jum Santa Luċija. Hija qalet li kollox ser isir fis-7 ta' Lulju. Il-programm jibda b'quddiesa u wara jingħata Ġieħ Santa Luċija lil dawk il-persuni li dwarhom kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsillieri. Wara din iċ-ċerimonja għħndu jsir kunċert fi Pjazza 7 ta' Lulju bis-sehem tal-Angelic Voices, Klinsmann u Michael Borg. Wara ftehim mal-iskola, ser tittella wkoll esebizzjoni dwar Santa Luċija fil-Pjazza 7 ta' Lulju. Il-Viċi Sindku għandu jġib kwotazzjoni oħra ma li diġà għandna sabiex ikun hemm xi ikel u xorb. Bhas-soltu dawk li ser jingġataw Ġieħ Santa Luċija ser jingħataw plakka kommemorattiva. Dwar dan kollu kien hemm qbil unanimu.

43.08.02 Is-Sindku spjegat li konna rċivejna rapport dwar ħsara li saret f'parapett fi Triq Pensjeri ikkawżata minn vettura kbira u qed jiġi ssuġġerit li bl-approvazzjoni ta' TM teħel tabella ta' *No Heavy Vehicles except to Render a Service*. Dwar dan kien hemm qbil.

43.08.03 Is-Sindku spjegat li konna rċivejna talba mill-Klabb tal-Boċċi sabiex jinbena ħajt ta' lqugħ ġewwa l-*pitch* tal-Boċċi. Din it-talba ġiet approvata unanimament u ġie deċiż li x-xogħol isir mill-kuntrattur tal-Kunsill.

43.08.04 Is-Sindku nfurmat li konna rċivejna suġġeriment sabiex isir *Petting Zoo* ġewwa l-lokalita'. Filwaqt li l-Kunsill qabel mal-idea, s-semma l-fatt li jrid jiġi identifikat post kif ukoll xi ħadd li jieħu ħsieb il-post fuq bażi regolari. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jikkunsidra din il-proposta meta tinstab soluzzjoni għall-*issues* imsemmija aktar il-fuq.

43.08.05 Is-Sindku nfurmat li ċ-*Chinese Cultural Centre* kienu staqsewna jekk konniex għadna nteressati li bħas snin l-imgħoddija, jsir *Chinese Film Festival* fil-Ġnien tas-Serenita' fix-xahar ta' Lulju. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għandu jissuġġerixxi xi dati ta' meta għandu jsir.

43.08.06 Is-Sindku nfurmat li kien sar l-iffirmar ta' *Co-operation Agreement* mal-Ambaxxata Ċiniza sabiex isir *embellishment* fil-Ġnien tas-Serenita'. Ix-xogħol prinċipali ser isir fuq l-injam kollu tal-post kif ukoll ser isir xogħol fuq is-sistema tad-dawl.

43.08.07 Is-Sindku spjegat wara li wara l-ħrug tat-*tender* għax-xiri tal-vann mill-fondi tal-LESA ma kien applika ħadd ghal darba darbtejn, finalment konna sibna kumpanija lokali li toffri 7 *seater* imma rridu nistennew bejn 6 u 8 xhur sabiex dan ikun għandna. Fiċ-ċirkostanzi kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti li l-Kunsill għandu jibda l-proċess sabiex tinħareġ l-awtorizzazzjoni neċessarja sabiex ikun jista jmur għal *direct order* għax-xiri ta' dan il-vann.

43.08.08 Is-Sindku ppreżentat kwotazzjoni aġġornata għax-xogħol strutturali tal-*Basketball Court* wara li żdiedu xi affarijiet. Hija nfurmat ukoll li *Infrastructure Malta* kienu ser jagħtu l-għajnuna tagħhom fil-concrete tal-art ta' dan il-*Basketball Court*. Kien hemm qbil ukoll li nitolbu lil Perit għal kopja tad-disinji tal-proġett.

43.08.09 Is-Sindku rreferiet għar-rampa li għanda ssir quddiem Flats Indipendenza u spjegat li *Infrastructure Malta* kienu kkonfermaw li ser issir minnhom. Is-S.E. informa li waqt laqgħa mal-Perit tal-Kunsill u l-Perit ta' IM, kien hemm qbil li r-rampa ssir fin-nofs tal-bankina u mal-propjeta' jkun hemm *area* bil-ħamrija. Huwa spjega wkoll li biex ir-rampa jkollha l-*gradient* neċessarju, hemm bżonn li r-rampa tibda fejn bħalissa hemm it-taraġ u t-taraġ isir flok fejn

hemm ir-rampa bħalissa. Dan kollu ġie approvat.

43.08.10 Is-Sindku spjegat li l-kuntratt tal-Perit kien skada u kien hemm bżonn li jerġa jinhareg it-tender. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

43.08.11 Is-Sindku spjegat li konna rċivejna ilment dwar attivita' li saret fil-Ġnien tas-Serenita' u li minħabba li mar id-dawl, min kerha l-post ħass li l-festin tal-Preċett tat-tifla kien irrovinat. Kien approvat li l-ammont imħallas għal din l-attivita' għandu jiġi rifuż.

43.08.12 Is-Sindku spjegat li kellna laqgħa ma' persuna ta' nazzjonalita' Taljana li ħadmet ma diversi Kunsilli Lokali u din qed tissuġġerixxi li jsir ġemellaġġ bejn Santa Luċija u Siracusa peress li f'Siracusa hemm kappella ddedikata lil Santa Luċija. Kien hemm qbil li għandu jinbeda l-proċess sabiex isir dan il-ġemellaġġ.

43.08.13 Is-Sindku talbet lill-Viċi Sindku jagħti dettalji dwar l-instalazzjoni ta' skultura moderna ġewwa l-*Picnic Area*. Kien hemm qbil li għandna mmexxu fuq l-ewwel disinn propost.

43.08.14 Is-Sindku spjegat li fit-28 ta' Ġunju ser tiġi organizzata ħarġa għal Ghawdex u ħa taħdem sabiex issir żjara fi Sqallija f'Awwissu jew Settembru. Il-Viċi Sindku għandu jara jekk ikunx possibbli ssir żjara f'Carlentini fl-okkazjoni tal-festa ta' Santa Luċija.

**43.09 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

43.09.06 Ma kienx hemm mistoqsijiet mingħand il-Kunsillieri.

**43.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

43.10.01 Il-laqgħa ntemmet fis-6:45 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ġimgħa 29 ta' Lulju 2022 fil-5:30 p.m.

Konfermati illum il-Ġimgħa 29 ta' Lulju 2022.

IFFIRMATI

Charmaine St. John
Sindku

IFFIRMATI

Fabian Mizzi
Segretarju Eżekuttiv